# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Robert Vella)

(Spettur Elliott Magro)

vs

Roderick Zahra

**Kumpilazzjoni Numru: 756/18**

**Illum, 6 ta' Novembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Roderick Zahra detentur tal-karta tal-identità numru 262484M akkuzat talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Settembru, 2017, gewwa l-lokalità tal-Hamrun:-

1. bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti estserni u ta bidu ghall-esekuzzjoni billi pprova jikkommetti serq minn gewwa vettura ta’ l-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni BAI-957 ghad-dannu ta’ Ruth Spiteri u/jew ta’ persuna jew persuni ohra, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta’ tieghu, u liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsarat fuq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni BAI-957, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta’ elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u li saru ghad-dannu ta’ Ruth Spiteri u/jew persuni ohra.;

**Akkuzat ukoll talli nhar l-14 ta’ Dicembru, 2017, ghall-habta tas-2:30 ta’ filghaxija gewwa l-lokalita’ ta’ Santa Venera:-**

3. ikkommetta serq minn gewwa residenza li ggib l-indirizz 'Villa Fontainebleu', Triq il-Kaless, Santa Venera, ghad-dannu ta' Maria Stella Abela, Peter Abela u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u kif ukoll bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lil-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja b'reati ta' serq;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Frar elfejn u ghoxrin (2020) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioè:-

- Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b), (c), (f), (g), 263, 267, 270, 271, 278(1), (2) u (3), 279(b), 280(2), 20 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(b), (c) u (e), 263, 269, 267, 278(1), (2) u (3), 279(b), 280(2), 20 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija dawn l-Artikoli lill-imputat, huwa ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

**XHIEDA**

Illi mix-xhieda ta' **Stephen Cachia** inrapprezentanza tal-Awtorità tat-Trasport gie kkonfermat illi vettura BAI-957 tal-ghamla Ford Fiesta tal-kulur blu hija registrata fuq Ruth Spiteri u kienet hekk registrata fuqha fid-data tal-allegat reat.

**PS827 Edward Grech** xehed fuq is-serqa fid-dar ta' Santa Venera fejn jghid illi l-halliel jew hallelin dahlu fir-residenza permezz ta' tkissir tal-hgiega tat-tieqa tal-kcina fejn sab li kull kamra tar-residenza kienet imqallba u fejn l-affarijiet kollha ta' valur bhal televixins, affarijiet antiki etc. kienu kollha ppreparati wara l-bieb biex darb'ohra johorgu mill-imsemmi fond. Jghid illi fil-post instabu xi ingwanti bhal dawk disposable. Jghid illi l-propjetà ma kinitx abitata izda xi hadd mill-familjari kien mar jiccekkjaha xi gimgha qabel. Jghid ukoll illi wiehed mill-girien stqarr mieghu illi

dakinhar tar-reat kien lemah guvni ta' madwar ghoxrin (20) u tletin (30) sena ta' karnaggjon bajdani u xaghru iswed, li kien rah hiereg mill-villa b'kaxxa tal-ghodda u laptop case. Jghid illi mill-post gew elevati xi marki tas-swaba ghall-analizi mill-forensika li kienu jikkombacjaw ma' suspettat.

Xehdet il-propjetarja tal-vettura Ford Fiesta **Ruth Spiteri** li kkonfermat li kienet ghamlet rapport l-ghassa tal-Hamrun f'Settembru 2017 fejn hija kienet sabet il-vettura taghha sgassata mill-bieba tal-passiggier. Din tghid illi kienet ipparkjat il-vettura gurnata qabel li kien il-Gimgha u l-ghada kienet sabitha sgassata izda ma ttiehed xejn. Ma kinitx taf kemm kien hemm hsarat ghaliex it-tiswijiet kienu ghamluhomlha xi familjari.

**WPC356 Natasha Vella** u **PS1238 Clive Brimmer** esebew rapport fejn dawn kienu gew inkarigati sabiex jelevaw xi marki tas-swaba minn fuq il-vettura Ford Fiesta fejn dawn elevaw is-segwenti: 17CG 301 lifter minn mal-genb tal-bieba ta' quddiem tal-passiggier ta' quddiem, 17CGZ 302 lifter elevat minn mal-hgiega tal-passiggier ta' quddiem in-naha ta' barra, u 17CGZ 303 lifter elevat minn mal-

hgiega tal-passiggier ta' quddiem min-naha ta' barra, u li kollha gew analizzati u meta mdahhlin fis-sistema taghhom irrizulta li dawn l-impronti qablu perfettament ma' dawk tal-imputat odjern.[1]

Semghet ukoll l-allegat vittmi tas-serqa tal-villa f'Santa Venera fejn dawn ikkonfermaw illi kienu ilhom ma jghixu f'din id-dar u li minn hemmhekk sabu hafna taqlib u ma kien hemm xejn ta' valur nieqes. Jghidu li kulma kien hemm nieqes kien xi laptop antik u xi zewg trays tal-fidda.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-gar ta' din il-villa u cioè <u>**Lino Carmel Stafrace**</u> li kkonferma li xi gurnata f'Dicembru 2017 kien ra persuna hierga minn go din ir-residenza fejn kien jaf li hemmhekk hadd ma kien jghix. Jaghti deskrizzjoni ta' din il-persuna maskili u cioè età ta' xi tletin (30) sena, tul medju u karnaggjon ismar. Jghid li rah hiereg b'basket qisu ta' laptop u basket iehor griz qisu tal-ghodda. Ix-xhud ma seta' jaghraf lil hadd fl-Awla.

[1] Rapport immarkat bhala Dok. CB1

Semghet lill-espert nominat mill-Qorti u cioè **Joseph Mallia** li esebixxa zewg ritratti ta' komparazzjoni ta' impronti digitali li kienu gabru l-membri tal-Forensika u dan permezz ta' zewg rapporti mmarkati bhala Dok. JM1 u JM2 fejn kien ikkonfermat li kienu nstabu xi marki li kkomparaw ma' dawk tal-imputat sija fil-villa kif ukoll fuq il-vettura tal-ghamla Ford Fiesta blu appartenenti lil Ruth Spiteri.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr*

*dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak*

*li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a rigward is-serqa fuq il-vettura Ford Fiesta appartenenti lil Ruth Spiteri ma gie nieqes xejn hekk kif spjegat l-istess Spiteri izda hareg illi gew elevati tliet (3) impronti digitali li gew ikkomparati mill-espert tekniku Joseph Mallia li dawn qablu perfettament ma' dawk tal-imputat. Illi dawn l-impronti li gew elevati huma[2]:

| | |
|---|---|
| **Dok. 17CGZ301** | **Lifter elevat minn mal-genb tal-bieba ta' quddiem tal-passiggier** |
| **Dok. 17CGZ302** | **Lifter elevat minn mal-hgiega tal-passiggier ta' quddiem min-naha ta' barra** |
| **Dok 17CGZ 303** | **Lifter elevat minn mal-hgiega tal-passiggier ta' quddiem min-naha ta' barra** |

Illi ghalhekk jidher illi dawn l-impronti kollha gew elevati min-naha ta' barra tal-vettura u dan il-fatt gie kkonfermat mill-Ispettur Clive Brimmer u PC1491 Kurt Attard inkontroezami li kkonfermaw li l-

[2] Ara fol 41 rapport ta' WPC356 Natasha Vella

impronti fuq il-vettura haduhom kollha minn barra u mhux minn gewwa tal-vettura.

Illi a rigward il-kwistjoni tal-fingerprints jidher li l-unika prova li l-prosekuzzjoni ghandha fuq din is-serqa hija l-marki tas-swaba misjuba fuq barra tal-vettura ta' Ruth Spiteri liema marki tas-swaba gew ikkomparati u jikkombacjaw perfettament ma' dawk tal-imputat. Il-Qrati kellhom okkazzjoni jiddibattu fuq din it-tip ta' prova cirkostanzjali fejn gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Anthony Abela** (deciza 28 ta' Mejju 1998) *"li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata"*. Il-Qorti però kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f'postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f'xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward:-

*"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il- Qorti issib htija."*

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna,*

*jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi*

*kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi f'dan il-kaz ma harigx mill-provi li l-imputat kien fl-inhawi almenu ezatt wara l-allegat reat u l-fatt li l-prosekuzzjoni tghid illi l-imputat ma kellux ghalfejn imiss dawk il-partijiet tal-vettura fejn instabu l-marki ma jfissirx li l-imputat mess il-vettura dakinhar tal-allegat attentat ta' serq izda biss ifisser li xi darba l-imputat mess dik il-vettura f'xi partijiet. Illi l-lok, hin u cirkostanza ma gietx ippruvata.

Illi kif digà nghad, dawn l-indizzji, ghalkemm juru li l-imputat kien mess din il-karrozza xi darba f'xi post mhux maghruf, ma humiex bizzejjed sabiex ikun hemm il-konvinciment morali li l-imputat huwa responsabbli tal-fatt. Dan qed jinghad ghaliex fl-ewwel lok ma nstabux l-ebda impronta digitali fl-intern tal-karrozza li juru forsi li l-imputat fittex biex jara x'jista' jsib tenut kont li ma kien hemm xejn vizibbli gewwa l-karrozza x'seta' jiehu facilment.

Illi din il-Qorti wkoll qed tabbraccja n-numru ta' sentenzi kkwotati mid-difiza fis-sottomissjoni f'dan ir-rigward u ghalhekk thoss illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha a rigward din l-akkuza oltre d-dubju dettat mil-ligi.

## Ikkunsidrat

Illi mhux l-istess jinghad ghas-serqa fil-villa f'Santa Venera. Illi fl-ewwel lok l-imputat ikkonferma fl-istqarrija tieghu[3] illi huwa qatt ma kien dahal fil-passat f'dik ir-residenza. Illi di piu' nstabu marki tas-swaba sija barra kif ukoll gewwa r-residenza fuq xi kaxxi tax-xorb tal-kartun sija fuq xi kaxxi tal-plastik li dawn l-oggetti kienu jinstabu fuq iz-zewg sulari tal-villa.[4] Illi din il-Qorti trid tirrimarka però illi ghalkemm din il-prova tal-marki tas-swaba ser titqies bhala wahda sufficjenti, ghal xi raguni però ma ntalbitx li ssir l-ezami tad-DNA u kkomparat ma' dak tal-imputat fuq loqma ta' sigarett misjub fil-villa u elevat minn PC1331, par ingwanti bojod

[3] Folio 70 – Dok EM3
[4] Ara fol 149, 150, 151 (lifter 304), 152,, 153, 154, 155, 156, 157-161.

u ingwanta sewda tal-lakstu li kollha gew iddokumentati minn dan l-ufficjal bhala suspettuzi.

Illi ghalhekk huwa car illi l-imputat Roderick Zahra kien prezenti god-dar mertu tal-proceduri odjerni liema prezenza tieghu go din id-dar ma kinitx wahda permessa mis-sidien ta' din ghaliex mix-xhieda taghhom anke huma kienu ilhom ma jaccedu fiha u qatt ma xehdu li kienu taw access lil xi terza persuna wisq anqas lill-imputat. Inoltre dan il-fatt, flimkien mal-fatt illi s-Sur Stafrace kkonferma li kien ra persuna maskili suspettuza hierga mill-abitazzjoni (ghalkemm ma gharfux) ikompli jsostni u jikkorrabora dawn il-provi cirkostanzjali tant li l-Qorti m'ghandhiex dubju fuq il-kolpevolezza tal-imputat a rigward tat-tielet (3) akkuza. Illi a rigward l-aggravji ta' serq addebitati lill-imputat jinghad li l-aggravju tal-ammont ma giex ippruvat u dan ghaliex il-parte civile ma tawx l-ebda indikazzjoni ta' kemm hu l-ammont tal-oggetti derubati. Illi a rigward tal-aggravji l-ohra u cioè tal-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa jinghad illi a rigward il-mezz jirrizulta li l-malvivent dahal permezz ta' sgass, a rigward ix-xorta tal-haga misruqa u l-hin jinghad li dawn ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi. Illi a rigward l-aggravju tal-lok jirrizulta li

ghalkemm l-abitazzjoni kienet ilha ma tigi abitata xorta wahda taqa' taht id-definizzjoni ta' abitazzjoni.

## Recidiva

Illi l-imputat Roderick Zahra huwa addebitat b'diversi akkuzi fosthom tar-recidiva taht l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi s-sentenza a rigward l-addebitu tar-recidiva giet ipprezentata[5] u kkonfermata mid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li din hija definittiva. [6]

## Piena

Illi meta giet biex tikkalibra l-piena l-Qorti hadet kont tal-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija vasta b'reati relatati ma' serq [7]u tal-fatt illi huwa ma ghamel xejn sabiex jipprova jirriabilita ruhu, ghalkemm inghata diversi opportunitajiet tul is-snin, ghalhekk

[5] Dok. RV3 – sentenza Mag Edwina Grima dec 29/02/12.
[6] Fol 335 *et seq.*
[7] Fol. 6-12.

sabiex tikkawtela wkoll is-socjetà ingenerali ser timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 289, 261(b)(e), 269(g), 263(a), 264, 278(2) tal-Kodici Kriminali; qed ssib lill-imputat Roderick Zahra hati tat-tielet (3) akkuza (aggravji lok u mezz) u tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghal piena ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija effettivi filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat Roderick Zahra ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elf, erba' mija u tnejn u disghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,492.43).

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**